



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Novembru 2021
(OR. en)

12641/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0310 (NLE)

PECHE 351

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook
----------	---

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll
dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook¹ (il-“Ftehim”) ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/418² u daħal fis-seħħ fl-10 ta' Mejju 2017. Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim (il-“Protokoll attwali”) ġie applikat b'mod proviżorju mill-14 ta' Ottubru 2016³.
- (2) Il-Protokoll attwali ġie estiż għal sena⁴ u għandu jiskadi fit-13 ta' Novembru 2021.
- (3) Fis-7 ta' Lulju 2020, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Gvern tal-Gżejjer Cook għall-konklużjoni ta' Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ("il-Protokoll").
- (4) B'riżultat ta' dawk in-negozjati, ġie inizjalat il-Protokoll fit-28 ta' Lulju 2021.

¹ ĠU L 131, 20.5.2016, p. 3.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/418 tat-28 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU L 64, 10.3.2017, p. 1).

³ ĠU L 289, 25.10.2016, p. 1.

⁴ ĠU L 395, 25.11.2020, p. 1.

- (5) Fil-[...] ⁺, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/... ¹⁺⁺ rigward l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll.
- (6) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll jiġu allokat i fost l-Istati Membri għall-perijodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.
- (7) Minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook u fid-dawl tal-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' daw k l-attivitajiet mal-iskadenza tal-Protokoll attwali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.
- (8) Il-Protokoll se jibda japplika fuq bażi proviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu, sabiex ikunu jistgħu jtkomplew l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 12627/21.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/... ta' ... dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (ĠU L [...], [...], p. [...]).

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument ST 12627/21 u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti - in-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni.

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (il-“Protokoll”) għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

- Spanja: tliet bastimenti
- Franza: bastiment wieħed

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn...⁺

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll.